MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 132/2002

**Untours Insurance Agents Ltd ghall-Qatar Insurance Company kif surrogati fid-drittijiet ta' Joe Vella u l-istess Joe Vella**

**vs**

**Michelle Buttigieg**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Dikjarazzjoni li l-konvenuta kienet responsabbli ghall-incident stradali li sehh f'Ghajnsielem fid-19.03.02 bejn ir-Rover nru REQ 025 tal-attur li kienet tinsaq minn Michael John Vella u l-Mazda 323 nru LAG 368 li kienet tinsaq mill-konvenuta li fixklet il-passagg tar-Rover, flimkien ma' kundanna lill-konvenuta li thallas id-danni tal-atturi jigifieri: LM815.70 lil Untours Insurance Agents Ltd. noe u LM250 lil Joe Vella (Dok P).

Bl-ispejjes ta'dana l-AVVIZ, LM23 ta' ittra u konsult, u dawk tal-ittra ufficjali tal-lum ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta' dana l-AVVIZ kontra l-konvenuta li hi ngunta ghas-subizzjoni."

Sema' x-xhieda prodotti mis-socjeta' attrici.

Ra l-ammissjoni tat-talba attrici mill-konvenuta;

Ikkunsidra:

Illi t-talba attrici tinstab sodisfacentement ippruvata, mhux biss mix-xhieda minnha mressqa, imma wkoll mill-ammissjoni bla rizerva tal-konvenuta.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku msemmi fl-avviz tat-talba u jikkundanna lill-konvenuta biex thallas lis-socjeta' attrici Untours Insurance Agents ghan-nom ta' Qatar Insurance Company s-somma ta' LM815.70c u LM250 lill-attur Joseph Vella, bl-ispejjez ta' dan l-avviz inkluz dak tal-avukat patrocinatur tal-atturi; LM23 tal-konsult u ittra legali; kif ukoll tal-ittra ufficcjali pprezentata a tenur ta' Kap 104. Bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz sad-data tal-effettiv pagament.

(ft) Grazio Mercieca
Gudikatur
(ft) Mary Jane Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur

--------------------------------TMIEM--------------------------------